# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 529/2009 MH**

**Illum, 28 ta’ Jannar, 2022**

**Cynthia sive Sapienza Cassar (K.I. Nru 88653M), Rita Borg (K.I. 358160M) u Rose Bartolo (K.I. 358060M)**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833) u bi provvediment tad-29 ta’ Jannar 2010 ġie msejjaħ fil-kawża Sebastian Agius (K.I. Nru 277258M) u b’digriet tal-14 t’April 2014 stante l-mewt tal-istess Sebastian Agius saret il-leġittimazzjoni tal-atti f’isem Margaret Agius (K.I. 254057M), Valerie Agius (K.I. 273988M) u Claudia Agius (K.I. 225992M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tat-2 ta’ Ġunju 2009** permezz ta’ liema ġie premess u mitlub –

*“1. Illi r-rikorrenti flimkien ma’ Sebastian Agius u Ricarda Duca, li jigu hut l-istess rikorrenti, kienu waslu ghal ftehim li permezz tieghu iwaqqghu u jhottu u*

*jizviluppaw il-fond ufficjalment maghruf bhala 38 (tmienja u tletin) fi triq San Mark, il-Gudja, u dan sabiex minfloku jikkostruwixxu maisonette, zewg flats u semi-basement garages;*

*2. Illi sew ir-rikorrenti, kif ukoll l-imsemmija Sebastian Agius u Ricarda Duca kienu ftehmu li jizviluppaw dan is-sit, u peress illi huma kellhom sehem indaqs mill-istess, kellhom jikkontribwixxu ghall-ispejjez u jaqsmu l-profitt b' mod ugwali bjeniethom;*

*3. Illi, sabiex ikunu jistghux jizviluppaw il-progett, huma kien jinhtigilhom finanzjament u ghal dan il-ghan kienu avvicinaw il-fergha tal-Bank of Valletta ta' Triq ir-Repubblika Valletta fejn, wara li kienu taw id-dettalji, taghhom gew informati li l-Bank kien accetta t-talba taghhom;*

*4. Illi r-rikorrenti, flimkien ma' Sebastian Agius u Ricarda Duca, kienu acceddew fil-fergha tal-bank imsemmi fejn, wara li kienu gew verifikati l-formalitajiet kollha, gew mitluba jimlew diversi dokumenti fosthom mandate form, wara liema procedura gew miftuha f'isem ir-rikorrenti u Sebastian Agius u Ricarda Duca, konguntivament, tlett kontijiet bankarji, u cioe' dak bin-numru 40011668116 Current Account, dak bin-numru 40012939378 Loan Account u iehor bin-numru 40011668080 tat-tip Savings;*

*5. Illi l-istruzzjonijiet li kienu gew moghtija lill-Bank mir-rikorrenti u z-zewg ahwa l-ohra kienu cari fis-sens illi, kull fejn isir talba lill-bank intimat sabiex jirrilaxxa xi ammont ta' flus huwa kellu jara illi, fejn l-ammont ikun ta' anqas minn LM200 (mitejn lira Maltija) ma kinitx rikjesta l-ebda firma; jekk l-ammont rikjest ikun ta' LM200 izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltija) kienu mehtiega zewg firem u jekk l-ammont mitlub jeccedi l-LM500 izda mhux l-LM1,000 (elf lira Maltija), f' tali kaz kien jintieg li jkun hemm il-firma ta' tlett firmatarji. Kull ammont il-fuq minn LM1,000 kien jinhtieg il-firma tal-hames ahwa flimkien, u dan kif jirrizulta mill-kopja tad-dokument anness mar-rikors promotur u mmarkat Dok.A;*

6. *Illi kif ser jirrizulta f'aktar dettall waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, is-socjeta' bankarja intimata ma mxietx ma' dawn l-istruzzjonijiet u ppermettiet lill-imsemmi Sebastian Agius jopera l-facilita' bankarja kongunta ta' bejn ir-rikorrenti, Sebastian Agius u Ricarda Duca, kif sovra deskritt, b'mod indiskret b'dan illi l-istess Sebastian Agius, wahdu, kien talab u nghata ammonti ta' aktar minn LM1,000 (elf Lira Maltija) mill-kont appartenenti lis-socjeta' formata bejn l-ahwa Agius, u dan minghajr ma giet mitluba l-firma ta' l-erba ahwa l-ohra kif kien gie specifikament miftiehem bejniethom u liema ftehim il-bank intimat kien obbligat li josserva;*

7. *Illi konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' osservanza tal-istruzzjonijiet da parti tal-Bank intimat ir-rikorrenti sofrew danni konsistenti sew f' nuqqas ta' qliegh kif ukoll personali u dan billi huma ma setghu qatt ikunu jafu l-qaghda fnanzjarja tan-negozju taghhom, stante illi statements koncernanti l-account operat minn negozju kongunt ta' bejnethom kien dejjem juri telf bil-konsegwenza li ma setghux jinvestu f' imprizi godda. Dan irrifletta hazin fl-konfront tar-rikorrenti personalment tant illi meta talbu l-Bank intimat sabiex tigi koncessa lilhom l-facilita' ta' credit cards f' isimhom personali s-socjeta' bankarja intimata irrifjutat li taghmel dan;*

8. *Illi ghalkemm is-socjeta' bankarja intimata giet interpellata sabiex tirrettifika u tindennizza lir-rikorrenti ghad-danni li sofrew, din baqghet inadempjenti.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta bankarja intimata, ghalhiex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhix:*

1. *Tiddikjara illi s-socjeta' intimata bankarja naqset milli tosserva l-istruzzjonijiet liha moghtija u minnha assunti u permettiet illi Sebastian Agius jopera l-facilita' bankarja komuni ghar-rikorrenti, Sebastian Agius u Ricarda*

*Duca minghajr ma giet mitluba l-firma tar-rikorrenti fejn u kull meta kien jinhtieg;*

*2. Tiddikjara li r-rikorrenti sofrew danni konsegwenza ta' dan l-istess nuqqas da parti tas-socjeta' bankarja intimata konsistenti fil-fatt illi huma kienu prekluzi milli jkolhom stampa cara tas-sitwazzjoni finanzjarja tan-negozju taghhom b' mod li gew impeduti milli jinvestu f' operazzjonijiet godda, gew kostretti jhallsu interessi akkumulati fuq ammont li, li kieku gew osservati l-istruzzjonijiet moghtija, ma kienu jkunu qatt dovuti u aktar meta konsegwenza ghall-istess gew prekluzi milli jottjenu facilitajiet bankarji offruti u dan minhabba l-qaghda hazina tan-negozju taghhom kif riflessa konsegwenza tan-nuqqas ta' osservazzjoni da parti tal-bank intimat tal-istruzzjonijiet minnhom lilu moghtija;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta' bankarja intimata thallas lir-rikorrenti dak l-ammont li hekk jigi likwidat per via ta' danni minnhom sofferti;*

*Bl-ispejjes, u bl-ingunzjoni tas-socjeta intimata bankarja li min issa qeghda tigi mharrka u nsubizzjoni."*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Bank konvenut tat-2 ta' Settembru 2009**[1] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*"Teccepixxi bir-rispett u bir-rispett taghha l-Prokuratur Legali Francesca Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' tikkonferma;*

*1. Illi, preliminarjament il-gudizzju m'huwiex integru u dan stante illi l-ftehim mal-bank sar bejn il-partijiet u Sebastian Agius u Riccarda Duca kif*

[11] Fol 11 et seq

*imsemmi fir-Rikors Guramentat u ghalhekk f'dan l-istadju l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk qed jigi allegat illi Sebastian Agius b'xi mod ha xi flus minghand s-socjeta' konvenuta appartenenti lil l-atturi, ghandu jigi kjamat in kawza l-istess Sebastian Agius.*

*3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-atturi irratifikaw dak kollu illi sar fil-kontijiet li gew operati tant li in segwitu ghall-ftehim bejn l-atturi Sebastian Agius, Riccarda Duca, u s-socjeta' konvenuta l-kontijiet relattivi ghall-istess ftehim gew ukoll saldati u maghluqa.*

*4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-atturi kienu pjenament konsapevoli illi Sebastian Agius kien qieghed imexxi l-progett imsemmi fir-Rikors Guramentat u anke jitratta mal-bank ghall-finanzjament tal-istess progett, kif ukoll pjenament konsapevoli ta' kif kien qed jigi mhaddem l-istess kont bankarju tal-atturi ma Sebastian Agius u Riccarda Duca.*

*5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu li r-rikorrenti sofrew danni in konsegwenza ta' xi agir tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.*

*6. Illi l-atturi jekk sofrew danni ta' dan huwa responsabbli l-imsemmi Sebastian Agius u mhux l-eccipjenti. Illi l-esponenti ghandha informazzjoni li din il-kawza giet skaturata minhabba dizgwid li inqala bejn l-atturi u l-eccipjenti Sebastian Agius u Riccarda Duca, u l-esponenti qed tesibixxi dokument li jelucida dan.*

*(i) Illi, dwar il-fatti kif esposti fir-Rikors Guramentat l-esponenti ma hijiex f'puzizzjoni tikkonferma dak imsemmi fl-ewwel u t-tieni paragrafu u tikkontesta*

*illi dak imsemmi mit-tielet sat-tmien paragrafu sehh kif imsemmi fl-istess Rikors Guramentat.*

*( ii)    Illi, l-esponenti tiddikjara illi taf bil-fatti fuq imsemmija  personalment."*

Rat **il-provvediment tagħha tad-29 ta' Jannar 2010**[2] permezz ta' liema ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank konvenut dwar l-integrita' tal-ġudizzju u pprovdiet dwar it-tieni eċċezzjoni billi ordnat li jissejjaħ fil-kawża Sebastian Agius.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-kjamat fil-kawża Sebastian Agius tal-24 ta' Frar 2010**[3] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*"Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:*

*Eccezzjonijiet*

*Jeccepixxi bir-rispett:*

*1.    Preliminarjament illi huwa gie notifikat biss b'kopja tar-rikors guramentat originali minghajr ebda dokument iehor hlief (i) id-digriet tal-11 ta' Gunju, 2009 indirizzat lill-atturi u lis-socjeta' konvenuta u (ii) bl-avviz tas-smigh.  Ghalhekk in-notifika hija invalida stante illi huwa ma rceva ebda dokument gja prezentat mill-kontendenti u lanqas ma rceva kopja tad-digriet li biha huwa inghatalhu xi locus standi fil-kawza.*

*2.    Illi in oltre' l-gudizzju mhux integru peress illi mhux l-intestatarji kollha tal-kontijiet bankarji huma parti fil-kawza.*

[2] Fol 84 et seq
[3] Fol 87 et seq

*3. Minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-premess, jeccepixxi illi la l-bank intimat u lanqas l-esponenti ma huma responsabbli ghall-allegati danni reklamati mir-rikorrenti u fi kwalunkwe kaz, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, r-rikorrenti ma sofrew ebda danni. Tabilhaqq min-negozju shih tal-izvilupp, mehud in konsiderazzjoni wkoll illi parti mill-proprjeta' ghadha ma nbieghetx u l-arja tal-korp ta' bini ghadha f'idejn il-proprjetarji taghha (u cioe' r-rikorrenti, l-esponenti u Riccarda Duca), ir-rikorrenti s'issa ghamlu profit, kif ukoll ir-rikorrenti hargu flus mill-bank minghajr ebda raguni valida fis-somma ta' Lm6,979.29 (ekwivalenti ghal Euro 16,257.37).*

*4. Inoltre' l-esponenti dejjem agixxa in buona fede u fl-ahjar interess ta' kulhadd sabiex jithallsu l-krедituri kollha involuti fl-izvilupp, kif ukoll l-bank intimat, u jibqa' qligh favur ir-rikorrenti, profitt li jeccedi l-kapital originali mahrug, kif ukoll inzammu laqghat bejn il-propjetarji tal-progett b'mod regolari biex kulhadd jinzamm infurmat bl-andament tal-progett, ghall-liema laqghat ir-rikorrenti mhux dejjem kienu jkunu disposti li jattendu jew jitilqu waqt il-laqgha.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ohra, specjalment in vista tan-nuqqas ta' notifika lill-esponenti tal-atti kollha li kellhom jigu notifikati lilu.*

*6. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Il-fatti*

*1. Illi l-esponent gie notifikat biss b'kopja tar-rikors guramentat originali minghajr ebda dokument iehor hlief (i) id-digriet tal-11 ta' Gunju, 2009 indirizzat lill-atturi u lis-socjeta' konvenuta u (ii) bl-avviz tas-smigh. Ghalhekk in-notifika hija invalida stante illi huwa ma rceva ebda dokument gja prezentat mill-*

*kontendenti u lanqas ma rceva kopja tad-digriet li biha huwa inghatalhu xi locus standi fil-kawza.*

*2. Illi Riccarda Duca kienet ukoll intestatarja tal-kontijiet bankarji mar-rikorrenti u l-esponenti.*

*3. Illi la l-bank intimat u lanqas l-esponenti ma huma responsabbli ghall-allegati danni riklamati mir-rikorrenti.*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ma sofrew ebda danni.*

*5. Tabilhaqq min-negozju shih tal-izvilupp, mehud in konsiderazzjoni ukoll illi parti mill-proprjeta' ghadha ma nbieghetx u l-arja tal-korp ta' bini ghadha f'idejn il-proprjetarji taghha (u cioe' r-rikorrenti, l-esponenti u Riccarda Duca), ir-rikorrenti s'issa ghamlu profitt.*

*6. Illi inoltre' r-rikorrenti hargu flus mill-bank minghajr ebda raguni valida fis-somma ta' Lm6,979.29 (ekwivalenti ghal Euro 16,257.37). Fost affarijiet ohra r-rikorrenti, minghajr il-kunsens ta' l-esponenti, iffirmaw sabiex ir-rikorrenti Rosa Bartolo tkun tista' tizbanka flus mill-bank minn ATM tal-bank permezz ta' debit card u dan minghajr il-permess ta' hadd.*

*7. Illi l-esponenti dejjem agixxa in buona fede u fl-ahjar interess ta' kulhadd sabiex jithallsu l-kredituri kollha involuti fl-izvilupp, kif ukoll l-bank intimat. Uhud mill-hlasijiet kienu jsiru mill-bank dirett lill-kredituri generalment fuq prezentazzjoni tal-fattura tal-kreditur jew certifikat tal-perit jew ircevuta. F'hafna minn dawn l-okkazjonijiet ta' hlas Rose Bartolo u Riccarda Duca kienu jkunu prezenti mal-esponenti u dan peress illi r-rikorrenti l-ohra kienu jghidu li ma kienux ikunu jistghu jattendu minhabba x-xoghol taghhom. Inoltre' kienu*

*jinzammu laqghat bejn il-proprjetarji tal-progett b'mod regolari biex kulhadd jinzamm infurmat bl-andament tal-progett, ghall-liema laqghat ir-rikorrenti mhux dejjem kienu jkunu disposti li jattendu jew kienu jattendu u jitilqu waqt il-laqgha. Ir-rikorrenti Cynthia Cassar kienet inkarigata li zzom il-minuti tal-laqghat izda qatt ma pproduciethom.*

*8. Illi r-rendikonti tal-bank kienet tircevihom ir-rikorrenti Cynthia sive Sapienza Cassar.*

*9. Minhabba n-nuqqas tal-kontendenti li jikkoperaw biex il-progett jimxi 'l quddiem l-esponenti kien ikollu jaghmel hlasijiet lill-kredituri, meta kien il-kaz, sabiex il-progett seta' jibqa' ghaddej minghajr waqfien attribwibbli ghal nuqqasijiet ta' hlas lill-kredituri. Dan sar ukoll biex jinzamm iz-zmien miftiehem mal-bank ghal-hlas lura tas-self, billi l-propjeta tkun lesta' kemm jista' jkun malajr u tkun tista' tinbiegh lil terzi, kif ukoll sabiex jigu kemm jista' jkun ridotti l-imghaxijiet pagabbli lill-bank.*

*10. Illi wara l-hlasijiet kollha li saru jibqa' qligh sostanzjali favur ir-rikorrenti.*

*11. Illi l-esponenti bhala wiehed mill-koproprjetarji kien joffri s-servizz tieghu minghajr hlas."*

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-atturi u l-kjamat fil-kawża huma aħwa u flimkien ma' oħthom l-oħra Riccarda Duca (li mhijiex parti fil-kawża) kienu ftehmu li jwettqu proġett bi sħab li jikkonsisti fit-twaqqiegħ ta' fond bin-numru 38, Triq Dan Mark ġewwa l-Gudja u l-kostruzzjoni minfloku ta' maisonette, żewġ appartamenti u garaxx semi-basement. Peress li l-aħwa msemmija kellhom sehem indaqs fil-fond imsemmi huma qablu li kemm il-ħlas tal-ispejjeż u anke l-profitti kellhom jinqasmu ndaqs bejniethom. Għal dan il-għan huma avviċinaw il-Bank konvenut fejn wara l-aċċertamenti meħtieġa nfetħu tlett kontijiet bankarji konġuntivament f'isem l-aħwa kollha msemmija u ċioe' kont kurrenti bin-numru 40011668116, kont *savings* bin-numru 40011668080 u ieħor kont tal-*loan* bin-numru 40012939378. L-atturi pero' jallegaw li fit-tħaddim ta' dawn il-kontijiet, il-Bank konvenut ma osservax l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-aħwa fejn jidħol rilaxx ta' flus stante li ppermetta lil ħuhom Sebastian Agius jopera l-faċilita' bankarja b'tali mod li waħdu, huwa ngħata somom li għalihom allegatament kienu meħtieġa l-firem tal-aħwa kollha. B'hekk l-atturi jallegaw li sofrew kemm danni personali kif ukoll telf ta' qligħ u għalhekk intavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jivventilaw il-lamenteli u l-pretensjonijiet tagħhom marbuta ma' dan l-aġir tal-Bank.

Minn naħa tiegħu l-Bank irrespinġa l-pretensjonijiet tal-atturi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Huwa jgħid li l-atturi rratifikaw kulma sar fir-rigward tat-tlett kontijiet bankarji in kwistjoni u f'kull ħin kienu jafu li Sebastian Agius kien qiegħed imexxi l-proġett u jitratta mal-Bank għal fini tal-finanzjament tal-istess proġett. Il-Bank jiċħad li huwa kkawża xi danni lill-atturi, u *se mai*, huwa l-kjamat fil-kawża Sebastian Agius, li għandu jġorr kwalunkwe responsabilta'.

Il-kjamat fil-kawża Sebastian Agius ukoll jiċħad kalunkwe responsabilta' għad-danni pretiżi mill-atturi. Huwa saħaq li dejjem aġixxa in *buona fede* u fl-aħjar interess tal-proġett.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok għandhom jiġu ndirizzati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-kjamat fil-kawża Sebastian Agius.

**Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari** tiegħu Agius jissolleva l-invalidita' tan-notifika li saritlu meta ġie kjamat fil-kawża. Huwa jgħid li ġie notifikat biss b'kopja tar-rikors ġuramentat oriġinali u mingħajr ebda dokument ieħor ħlief id-digriet tal-11 ta' Ġunju 2009 ndirizzat lill-atturi u lill-konvenut, u l-avviż ta' smiegħ.

Din l-eċċezzjoni hija nfondata. Il-Qorti tqis li l-kjamat fil-kawża ġie notifikat b'dawk id-dokumenti li kienu neċessarji sabiex huwa jkun f'qagħda li jirispondi u jressaq difiża għall-azzjoni miġjuba kontrih, kif fil-fatt għamel. Ma ġie preġudikat bl-ebda mod. Għalhekk in-notifika hija meqjusa valida għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Din l-eċċezzjoni sejra tiġi respinta.**

**Fit-tieni eċċezzjoni preliminari** Sebastian Agius jargumenta li l-ġudizzju mhuwhiex integru għax mhumiex l-intestatarji kollha tal-kontijiet li huma parti mill-kawża odjerna.

Din l-eċċezzjoni ukoll hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Kif ingħad, fis-sentenza preliminari tad-29 ta' Jannar 2010, il-proċeduri odjerni huma diġa' meqjusin integri stante li dak li l-Qorti hija msejħa biex tiddeċiedi dwaru jirrigwarda r-responsabilta' tal-Bank konvenut qua mandatarju fil-konfront ta' l-atturi fir-rigward tal-ħtieġa tal-firem tal-aħwa fejn jidħol rilaxx ta' flus li jaqbżu ċerti ammonti.

Ma hemm ebda talba diretta kontra xi ħadd mill-aħwa u ħadd minnhom mhu qed jintalab iħallas xi ħaġa. Sebastian Agius ġie kjamat fil-kawża għar-raġunijiet indikati fis-sentenza u fl-interess biss tal-Bank konvenut. Ma hemm għalhekk ebda lok li tissejjaħ fil-kawża oħthom Riccarda Duca.

**L-eċċezzjoni hija miċħuda.**

Sorvolati dawn l-eċċezzjonijiet imiss issa li jiġi trattat il-mertu tal-każ.

**Fl-ewwel talba** tagħhom l-atturi jitolbu lill-Qorti tiddikjara li s-soċjeta' ntimata naqset milli tosserva l-istruzzjonijiet lilha mogħtija u minnha assunti meta ppermettiet illi Sebastian Agius jopera l-faċilita' bankarja komuni għar-rikorrenti, Sebastian Agius u Riccarda Duca mingħajr ma ġiet mitluba l-firma tar-rikorrenti fejn u kull meta kien meħtieġ meta jinqabżu ċerti ammonti.

Il-bqija tat-talbiet huma konsegwenzjali għal din it-talba fejn l-atturi qed jitolbu li b'riżultat ta' dan in-nuqqas tal-Bank huma sofrew danni li għalihom għandhom jiġu kkumpensati.

Il-Qorti tqis opportun tissottolinea mmedjatament li hija marbuta li titratta u tiddeċiedi l-kawża ai termini tal-kawżali u t-talbiet kif magħmula fir-rikors promotur. Xejn aktar u xejn anqas.

Kif ingħad fil-każ **Health Services Group Ltd vs Id-Direttur tal-Kuntratti et deċiż fit-28 t'April 2017**[4] -

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawża* ***Micallef v. Mizzi****, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:*

*"Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni….ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita".*

Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt li wara li evalwat il-provi mressqa, din il-Qorti jidhrilha li numru ta' provi li nġiebu servew biss biex jistradaw il-kawża f'direzzjoni lil hinn minn dak li hija msejħa biex tiddeċiedi dwaru l-Qorti llum. It-talbiet li għandha quddiemha din il-Qorti llum huma marbuta mal-kwistjoni ta' jekk il-Bank konvenut kisirx l-obbligi tal-mandat allegatament mogħti lilu mill-aħwa meta ħalla lill-kjamat fil-kawża jopera waħdu l-kontijiet tal-bank miftuħa bejn l-istess aħwa mingħajr ma rrikjeda l-firem opportuni tal-atturi fejn kien allegatament rikjest skont l-ammont. Kwindi għall-fini tal-kawża odjerna, x'sar minnhom, kif u għal xiex intużaw il-flus li allegatament ħareġ Sebastian Agius mill-kontijiet bankarji mingħajr il-firem ta' ħutu skont kif allegatament meħtieġ **huma kollha provi rrilevanti għal din il-kawża u ma jgħinu xejn biex issostnu t-talbiet imressqa**. Fis-sentenza preliminari tad-29 ta' Jannar 2010 din il-Qorti diversament preseduta diġa kienet ċara fid-dikjarazzjoni tagħha li dak li l-atturi qegħdin jitolbu fil-kawża odjerna huwa ħlas ta' danni marbuta mat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali tal-Bank konvenut u mhux ta' xi ħadd mill-partijiet l-oħra fil-ftehim. Dak jibqa estraneju għal kawza odjerna u jinħtieg proċeduri separati.

Ferm il-premess, il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa l-mertu tal-ewwel talba.

[4] Rik 381/11

Tajjeb li qabel xejn jiġu delineati l-prinċipji legali marbuta mar-relazzjoni bejn l-atturi u l-Bank konvenut qua mandant-mandatarju.

**L-artikolu 1856 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk –

*"(1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha.*

*(2) Il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaċċettax il-mandat."*

Imbagħad **l-artikolu 1858 tal-Att** iżid hekk –

*"L-aċċettazzjoni tal-mandatarju tista' wkoll tkun taċita u tista' tidher mill-fatt."*

Skont **l-artikolu 1864 tal-Att** –

*"Il-mandatarju ma jista' jagħmel xejn li joħroġ mil-limiti tal-mandat.*

U skont **l-artikolu 1873 (1) tal-Att** –

*"Il-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fil-każ ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet."*

Minn dak li jirriżulta mill-premessi tar-rikors ġuramentat u mill-affidavits tal-atturi[5] il-pożizzjoni tagħhom dwar l-allegat mandat mogħti mill-aħwa lill-Bank hija din –

*"...l-istruzzjonijiet li ġew mogħtija lil bank minni u minn ħuti kollha kienu ċari li jekk l-ammont rikjest ikun ta' anqas minn Lm200 ma kienet rikjesta l-ebda firma. Jekk l-ammont rikjest ikun ta' Lm200 iżda mhux aktar minn Lm500 ikun meħtieġ żewġ firem u jekk l-ammont jeċċedi Lm500 iżda mhux Lm1000 ikun meħtieġ il-*

[5] Fol 97 et seq

*firma ta' tlett firmatarji. Kull ammont il fuq minn Lm1000 jinħtieġ il-firma tal-ħamsa aħwa flimkien."*

Jiġi sottolineat li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li qed tallega[6] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[7].

Ingħad hekk fil-każ **Salv Trading Limited vs Kunsill Lokali Birkirkara deċiż fid-9 ta' Lulju 2019 -**

*"Illi hija norma elementari tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġiebx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir bir-riżultat li l-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas."*

Fil-fehma tal-Qorti u minn dak li rriżultalha mill-atti, l-atturi ma rnexxilhomx iressqu prova sal-grad rikjest mill-liġi li huma taw l-istruzzjonijiet minnhom indikati lill-Bank għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Il-Qorti tosserva li –

i. Bħala prova dokumentarja ewlenija biex isostnu l-pożizzjoni tagħhom dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lill-Bank konvenut fir-rigward tal-firem tal-aħwa, l-atturi jistrieħu fuq fotokopja ta' *screenshot* minn computer[8]. Bħala punt tat-tluq il-Qorti hija ferm perplessa kif, tenut kont li l-atturi qed jagħtu tant piż lil dan id-dokument, huma lanqas indenjaw ruħhom iressqu prova waħda li almenu tikkonferma l-awtentiċita' u l-provenjenza ta' dak l-*iscreen shot*. Infatti, minkejja li ġew imħarrka anke uffiċjali tal-Bank biex jixhdu fil-kawża, l-atturi ma rnexxilhomx juru b'suċċess li effettivament dan l-iscreenshot kien uffiċjalment jappartjeni lis-sistema kompjuterizzata u nterna tal-Bank konvenut. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta fotokopja ta' *screenshot* li lanqas biss hi konfermata b'mod uffiċjali bħala l-bażi ta' ftehim dwar il-firem bejn il-

[6] Artikolu 562 tal-Kap 12
[7] Artikolu 559 tal-Kap 12
[8] Fol 4

Bank u l-aħwa, tant ieħor ma jwassal imkien l-ittri interogattivi li bagħtu r-rikorrenti u esebiti mar-rikors ġuramentat;

ii. Inoltre, iċ-ċifri abbinati mal-firem kif jidhru f'dan l-istess *screenshot* lanqas jaqblu kompletament mal-allegati struzzjonijiet dwar il-firem li l-atturi qegħdin jibbażaw il-kawża fuqhom fir-rikors ġuramentat. Dan peress li, kif jidher mill-*iscreen shot* imsemmi –

*"up to LM500 – any 2 to sign; LM500 to LM1,000 – any 3; LM1,000 to LM5,000 – any 4; more – all 5 to sign"*

iii. B'hekk filwaqt li skont ma qed jgħidu l-atturi fir-rikors promotur u fix-xhieda tagħhom, fuq ammonti ta' inqas minn LM200 ma kien hemm bżonn ebda firma u huwa biss fuq ammonti li jibdew minn LM200 sa LM500 li hemm bżonn żewġ firem, skont l-iscreenshot, kwalunkwe ammont sa LM500 kien jeħtieġlu żewġ firem. Ukoll, skont l-atturi fir-rikors promotur u fl-affidavits tagħhom, kull ammont li jeċċedi l-LM1,000 kien jeħtieġ il-firma tal-ħames aħwa; madankollu l-i*screenshot* juri li huwa biss għal ammonti akbar minn LM5,000 li kien hemm il-ħtieġa ta' ħames firem, filwaqt li bejn l-LM1,000 u LM5,000 erba' firem kienu biżżejjed.

iv. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet fejn allura jirriżulta li l-allegati istruzzjonijiet dwar il-firem li fuqhom huma bbażati l-kawżali u t-talbiet tal-atturi f'din il-kawża lanqas biss huma kollha kompatibbli maċ-ċifri u l-firem meħtieġa kif indikati fid-dokument tal-iscreen shot preżentati mill-atturi stess in sostenn tat-teżi tagħhom, il-Qorti ma tistax ħlief tqis li dan ikompli jżid man-nebolożita' tal-pretensjonijiet attriċi fir-rigward tal-Bank konvenut. Fuq liema struzzjonijiet kien tenut li jimxi l-Bank allura skont l-atturi? Fuq dawk tal-iscreen shot jew fuq dak minnhom indikati fir-rikors promotur u fl-affidavits?

v. Jirriżulta wkoll li l-ħames aħwa Cassar, Bartolo, Agius, Duca u Borg kienu ffirmaw ftehim li permezz tiegħu qablu mad-dettalji hemm imniżżla fir-rigward ta' partnership bejniethom imsejjaħ RENCAS[9]. Fost id-dettalji huma qablu li –

*"Cheques maħruġa minn RENCAS isiru b'din il-proċedura:*

---

[9] Fol 219

a. *Cheques ta' valur sa LM100.00 jenħtieġu żewġ firem.*
b. *Cheques ta' valur minn LM100.00 sa LM500.00 jenħtieġu żewġ firem.*
c. *Cheques ta' valur minn LM500.00 sa LM1,000.00 jenħtieġu tlett firem.*
d. *Cheques ta' valur minn LM1,000.00 sa LM5,000.00 jenħtieġu erba' firem.*
e. *Cheques ta' valur aktar minn LM5,000.00 jenħtieġu l-ħames firem."*

vi. Jiġi rilevat pero' li dan il-ftehim jorbot biss lill-aħwa u huwa meqjus *res inter alios acta* sa fejn jirrigwarda lill-Bank sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, liema prova ma tirriżultax mill-atti in kwantu ma ntweriex li kien hemm xi uffiċjali delegati mill-Bank konvenut li uffiċjalment intrabtu f'ismu biex mar-rilaxx ta' flus huma josservaw dawk l-istruzzjonijiet dwar il-firem.

vii. Jiġi nnutat ukoll li skont ma jgħidu l-atturi stess, il-ftehim dwar il-mandat li taw lill-Bank kien wieħed miktub u ffirmat mill-aħwa[10]. L-atturi ħarrku lir-rappreżentant tal-Bank konvenut Roderick Abela sabiex jixhed dwar it-tlett kontijiet in kwistjoni u jesebixxi d-dokumenti kollha rigwardanti dwarhom. Fix-xhieda tiegħu tal-15 ta' Lulju 2011[11] huwa xehed dwar u esebixxa d-dokumentazzjoni mitluba mill-atturi u li kienet tikkonsisti fl-*opening account forms* u u l-*mandate forms* relattivi.

viii. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta li[12] -

- Fl-*Opening of Account Forms* fit-taqsima *Signing Instructions* il-kaxxi rispettivi *All to Sign* jew *Anyone to Sign* jew *Vide Mandate* tħallew kollha vojta u ebda waħda ma ġiet *ticked*. Dan id-dokument huwa ffirmat mill-aħwa kollha;

- Il-*Mandate Form*, <u>iffirmata għal darb'oħra mill-aħwa kollha</u>, fost affariijiet oħra tagħti din l-istruzzjoni lill-Bank konvenut –

*"to honour and comply with all instructions to deliver or dispose of any securities or documents or property held by the Bank on my/our behalf; to hold me/us liable on all agreements and indemnities in connection with the*

[10] Fol 136
[11] Fol 202
[12] Fol 213 et seq

*issue of letters of credit, drafts and telegraphic transfers and with all banking transactions:*

***provided that any such cheques, drafts, bills of exchange, promissory notes, acceptances, negotiable instruments, orders, instructions, agreements and indemnities are signed in the name of the firm by me/any one of us.”***

ix. Min dan allura jemerġi li l-istruzzjonijiet mgħoddija lill-Bank konvenut kif iffirmati u maqbula mill-aħwa nkluż l-atturi kien li fir-rigward tar-rilaxx ta’ flus mill-Bank f’isem il-partnership bejn l-aħwa permezz ta’ ċekkijiet eċċetra, kienet biżżejjed firma waħda ta’ xi ħadd minnhom. Jekk kien hemm ftehim ulterjuri kien jispetta lil atturi jassiguraw li jiġi esebit.

x. Minn dan allura jirriżulta li l-ammonti ta’ flus rilaxxjati mill-Bank, mingħajr ebda restrizzjoni dwar l-ammont, kienu meqjusa validi anke b’firma waħda;

xi. Fiċ-ċirkustanzi lill-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Bank konvenut naqas mill-obbligi tiegħu bħala mandatarju in kwantu ma ntweriex li ġew rilaxxjati xi flus mill-kontijiet tal-aħwa mal-Bank mingħajr almenu firma ta’ wieħed minnhom. Huwa minnu li hemm dokument a fol 40B maħruġ fuq l-attriċi li għar-rilaxx tas-somma ta’ €1,000 jindika “any 3 to sign up to LM3,000” iżda meta meħud fil-kuntest tal-provi l-oħra miġjuba hija l-fehma tal-Qorti li dan ma jegħlibx dak riskontrat fil-*mandate form* iffirmata mill-atturi u l-bqija ta’ ħuthom.

xii. Għal kull buon fini ssir referenza wkoll għad-dokument a fol 138 permezz ta’ liema ġie konċess mill-Bank konvenut fuq il-kont kurrenti tal-aħwa, *temporary encroachment limit* ta’ Lm3,000. Jirriżulta li dan id-dokument kien effettivament iffirmat minn tlett aħwa – fosthom l-attriċi Rose Bartolo stess. Skont l-atturi, a bażi tal-istruzzjonijiet allegati minnhom, il-Bank kien obbligat li jitlob ħames firem (mentri skont l-iscreenshot tal-kompjuter esibit mill-atturi kieku kien ikunu meħtieġa erba’ firem). Madankollu u kuntrarjament għal dak argumentat mill-atturi dawn it-tlett firem huma meqjusa regolari u fit-termini tal-*mandate form* iffirmata mill-aħwa. Mhijiex kredibbli x-xhieda tal-

attriċi Rose Bartolo li issa waqt il-kawża qed tgħid li hi kien mingħaliha qegħdin jiffirmaw għall-ħlas tal-bolol[13].

xiii. Jingħad ulterjorment li l-atturi huma meqjusa li kienu nfurmati u konsapevoli bit-transazzjonijiet **kollha** li kienu qegħdin isiru partikolarment mill-kjamat fil-kawża Sebastian Duca nkluż l-ammonti rilaxxjati stante li kienet l-attriċi Cynthia Cassar **stess** li tirċievi l-istatements mill-Bank.

xiv. Finalment, mhux talli l-kontijiet bejniethom intużaw, imma d-dejn kollu ġie saldat u l-kontijiet in kwistjoni magħluqa wkoll.

Fid-dawl tas-suespost, l-ewwel talba tal-atturi ma tistax tiġi milqugħa u kwindi mhux ser jiġu evalwati l-bqija tat-talbiet.

Għall-istess raġunijiet, u safejn kompatibbli ma' dak deċiż, il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvent u tal-kjamat fil-kawża sejrin jintlaqgħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tiċħad it-talbiet tal-atturi;**

2. **Tilqa' safejn kompatibbli ma' dak deċiż il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Bank konvenut;**

3. **Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzonijiet tal-kjamat fil-kawża Sebastian Agius u tilqa' safejn kompatibbli ma' dak deċiż il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu.**

4. **L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

[13] Fol 99

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**